# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***<u>Kump 507/01</u>***

***Pulizija***
***Spettur Helga Debono***
***vs***
***Joseph Vanhear.***

Illum 26 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat jinsabu bazati fuq ir-reat ta' ***Gherq fil-kummerc u l-industriji*** kontemplat fl-Art. 298 (1)(f).

Illi l-imputat ammetta l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant din tinstab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat, l-fatt li dan hallas l-ispejjez tal-kawza kif ukoll il-fatt illi n-numru ta' l-oggetti in kwistjoni kien pjuttost zghir u thoss opportun li f' dan il-kaz takkorda l-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament Artikolu 298 (1)(f);  izda tilliberah bil-***kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

Illi in fine l-Qorti tordna l-konfiska ta' esebita MB2 salv d-disa' arloggi li gew ritornati lura lil imputat.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

Vera Kopja

***B Zahra***
***Deputat Registratur***